# Surmast Salvinu Vella

## *1950 – 1967*



Is-Surmast Salvinu Vella twieled il-Mellieħa nhar l-10 ta' Settembru 1910, iben Carmelo Vella u Francesca nee Grima. Ta' disa' snin beda jitgħallem il-mużika mal-Banda La Vittoria. Huwa għażel li jitgħallem il-Kwartin, tant mexa 'l quddiem fit-tagħlim ta' dan l-istrument li f'qasir żmien ġie magħżul bħala Kwartin Prim fl-istess banda, kariga li huwa żamm sas-sena 1927. Ta' sittax il-sena, huwa beda kors biex isir għalliem fl-iskejjel tal-Gvern, iżda l-grinta kbira li huwa kellu għall-mużika ħajritu jibda jitħarreġ il-lezzjonijiet fil-kompożizzjoni, fl-amonija u fil-kontrapunt għand is-Surmast Anġelo Abdila. B'riżultat ta' l-istudji tiegħu, Salvinu rnexxielu jikseb ċertifikat mir-*Royal Academy of Music* u mir-*Royal Collage of Music*, it-tnejn ta' Londra.

F'Ottubru 1950 is-Surmast Salvinu Vella ġie fdat bit-tmexxija tal-Banda San Pawl, wara Awissu ta' l-istess sena, s-Surmast Emanuele Gauci kien irtira minn Surmast Direttur ta' din il-Banda. Taħt is-Surmast Salvinu, il-Banda San Pawl kisbet suċċess artistiku akbar u popolarità fejn baqa' sas-sena 1967. Waħda mill-isbaħ okkażjonijiet li fihom ħa sehem is-Surmast Salvinu bħala Direttur Mużikali tal-Banda San Pawl, kienet dik meta nhar il-Ħadd 29 ta' April 1951, ġie inawgurat Planċier ġdid li kien ġie lis-Soċjetà minn Nobbli Dr. Joseph Attard dei Baroni Montaldo L.L.D., President Effettiv tal-Banda San Pawl, u maħdum minn Mosè Attard tan-Naxxar. Dan il-planċier sewa Lm125. F'dik il-lejla, il-President ġie akkumpanjat b'marċi brijjużi mid-dar tiegħu sal-planċier il-ġdid li kien ġie mbierek mill-Kappillan Patri Ġann Franġisk Grima, fil-preżenza ta' bosta mistednin distinti u nmur mdaqqsa ta' ammiraturi u ħbieb.

Wara r-reċeviment tal-okkażjoni, din il-festa spiċċat bl-eżekuzzjoni ta' programm mużikali dirett mis-Surmast Salvinu. Okkażjonijiet oħra kienu meta fl-1952, il-Banda ħadet sehem fl-isfilata tal-Karnival bil-maskeruni quddiem karru dekorat u l-bandisti libsin ta' "Trouble Makers" idoqqu l-marċijiet. Hawn il-Banda kisbet premju ieħor bil-kostum "Jester on Parade", u bil-maskeruni. Fit-2 ta' Ġunju 1953, il-Banda San Pawl ħadet sehem f'waħda mill-akbar sfilati ta' baned bil-karrijiet dekorati li qatt saru f'Malta, għall-okkażjoni tal-festi kbar li saru f'Malta għall-inkorunazzjoni tar-Reġina Elizabetta it-Tieni.

Is-Surmast Salvinu Vella miet nhar it-Tlieta 2 ta' Frar 1952.